# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/932

**tat-23 ta' Mejju 2017**

**li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni tan-Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 4 dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-31 ta' Marzu 2017 lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tan-Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique (BĊE/2017/8) [1],

Billi:

(1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro għandhom jiġu awditjati minn awdituri esterni indipendenti rrakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill.

(2) Il-mandat tal-awdituri esterni tan-Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique, Ernst & Young Bedrijfsrevisoren/Réviseurs d'Entreprises, skada wara l-awditu għas-sena finanzjarja 2016. Għalhekk huwa neċessarju li jinħatru awdituri esterni b'effett mis-sena finanzjarja 2017.

(3) In-Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique għażel lil Mazars Réviseurs d'entreprises/Mazars Bedrijfsrevisoren SCRL/CVBA bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2017 sa 2022.

(4) Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE rrakkomanda li Mazars Réviseurs d'entreprises/Mazars Bedrijfsrevisoren SCRL/CVBA għandhom jinħatru bħala l-awdituri esterni tan-Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique għas-snin finanzjarji 2017 sa 2022.

(5) Wara r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE, jenħtieġ li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE [2] tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/70/KE, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Mazars Réviseurs d'entreprises/Mazars Bedrijfsrevisoren SCRL/CVBA huma b'dan approvati bħala l-awdituri esterni tan-Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique għas-snin finanzjarji 2017 sa 2022.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fid-data tan-notifika tagħha.

[1] ĠU C 120, 13.4.2017, p. 1.
[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE tal-25 ta' Jannar 1999 dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali (ĠU L 22, 29.1.1999, p. 69).

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-BĊE.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Mejju 2017.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
E. SCICLUNA